**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 48/14VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 20 ta' Ġunju 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX fit-3 ta' Ġunju 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal: (i) iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) hekk kif espressa fl-ittra datata 6 ta' Mejju 2014; u (ii) jiddikjara li l-penali amministrattiva u l-imgħax li ssir referenza għalihom fl-istess ittra tas-6 ta' Mejju 2014 mhux dovuti f'dan il-każ, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 7 sa' 13 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, u minflok id-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2014 tiġi ikkonfermata stante li l-pretensjonijiet tagħha huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 24 sa' 34 tal-proċess;

Ra li b'Digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru 2014[1], it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri fis-sens illi d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jiġi indikat bħala l-Kummissarju tat-Taxxi;

[1] Fol. 44 tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Stefan Cachia mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Ottubru 2014[2], tad-9 ta' Diċembru 2014[3] u tas-27 ta' April 2015[4] u sema' x-xhieda ta' Albert Galea, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Novembru 2014[5] u tat-28 ta' Mejju 2015[6];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 81 sa' 93 tal-proċess u ra in-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 97 sa' 110 tal-proċess;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti qed tressaq referenza quddiem dan it-Tribunal fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi komunikata lilha b'ittra datata 6 ta' Mejju 2014[7] (hawn iktar 'l quddiem indikata bħala d-Deċiżjoni), fejn essenzjalment ġiet miċħuda t-talba tagħha sabiex jinħafru l-penali amministrattiva fl-ammont ta' €2,788.51 u imgħax dekoribbli fil-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2013 u l-31 ta' Mejju 2013, imposti fuqha mill-istess Kummissarju. Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li d-Deċiżjoni għandha tiġi mħassra u minflok it-talba tagħha tiġi milqugħa stante li: (i) is-sitwazzjoni li tat lok għall-imposizzjoni tal-penali amministrattiva *kienet kollha riżultat ta' żball ġenwin fil-formula wżata fil-programm ta' software li ntuża mill-kumpannija rikorrenti sabiex tikkalkula l-input tax. Ma kien hemm ebda hjiel ta' mala fede da parti tas-soċjetà rikorrenti li ħadet il-passi kollha neċessarji sabiex tirranġa l-iżball malli ndunat bih*; (ii) iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami huma tali li juru li tissussisti skużanti raġonevoli għall-iżball da parte tas-soċjetà Rikorrenti; (iii) dan il-każ, apparte li jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 42(1)(a) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqa' wkoll entro il-parametri ta' l-Artikolu 42(1)(ċ) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu jipprovdi li *jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn żball ġenwin huwa jista' jaħfer għal kollox jew parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas* u a bażi ta' tali artikolu, fid-dawl ta' l-iżball ġenwin da parte tagħha u tal-*buona fede* tagħha, il-penali amministrattiva għandha tiġi maħfura għal kollox jew imqar f'parti minnha; u (iv) fil-każ in eżami l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva ma hijiex proporzjonali stante li tmur oltre minn dak rikjest biex jintlaħaq l-għan wara l-imposizzjoni tal-penali billi hawn si tratta ta' żball ġenwin u hemm *buona fede* assoluta da parte tagħha.

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jiġu miċħuda u minflok id-Deċiżjoni tiġi kkonfermata stante li: (i) l-affermazzjoni tas-soċjetà Rikorrenti li hija aġixxiet in *buona fede* ma għandha l-ebda rilevanza u l-ebda element probatorju għas-soluzzjoni tal-każ. Apparte minn hekk huwa ma huwiex qed jallega li s-soċjetà

[2] Fol. 45 sa' 50 tal-proċess.
[3] Fol. 65 sa' 67 tal-proċess
[4] Fol. 69 sa' 74 tal-proċess.
[5] Fol. 52 sa' 63 tal-proċess.
[6] Fol. 76 sa' 80 tal-proċess.
[7] Dok. "A" a fol. 7 tal-proċess.

Rikorrenti aġixxiet in *mala fede* iżda ċio nonostante ma jistgħux jiġu injorati l-iżbalji grossolani li s-soċjetà Rikorrenti għamlet fid-denunzji tagħha b'dana li jirriżulta li l-imsemmija soċjetà tippersisti fl-iżbalji tagħha; (ii) l-operat tas-soċjetà Rikorrenti juri li ma kellhiex l-istruttura idoneja f'postha biex tissottometti b'mod korrett u bid-*due diligence* kollu neċessarju d-denunzji tat-taxxa tagħha. Is-soċjetà Rikorrenti għandha obbligi fiskali ferm ikbar minn dawk ta' individwu speċjalment għall-mod kif għandhom jinżammu l-konteġġi, iż-żamma ta' liema permezz ta' *spread sheet* tista' twassal, kif fil-fatt ġara, għal żbalji. Ikun iktar opportun jekk jintuża *software* adattat minflok *spread sheet* peress li jinvolvi inqas element uman u l-inċidenza ta' żbalji, li jistgħu jkunu anke żbalji kbar fejn it-*turnover* ikun kbir, tkun ferm inqas; (iii) ġia f'żewġ okkażżjonijiet preċedenti s-soċjetà Rikorrenti kienet talbet korrezzjoni fid-denunzji tat-taxxa tagħha. L-ewwel korrezzjoni ntalbet fir-rigward tad-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.03.11-31.05.11 fejn l-iżball kien ta' €45,000 f'aġġustament favur l-imsemmija soċjetà meta fil-fatt dan l-aġġustament kellu jkun favur il-Kummissarju tat-Taxxi u it-tieni korrezzjoni ntalbet fir-rigward tad-denunzja għall-perijodu ta' taxxa 01.03.12-31.05.12 fejn l-iżball kien ta' €147,555.87. Nonostante tali żbalji, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kummissarju kien ħafer il-penali amministrattivi hemm imposti; (iv) għalkemm il-Liġi ma timponi fuq ħadd li jagħmel użu minn għodda partikolari biex iżomm l-accounts tiegħu, huwa obbligu tat-*taxpayer* li jissottometti denunzji korretti u l-loġika titlob li biex dan isir irid isir użu minn għodda adegwata. L-għażla tas-soċjetà Rikorrenti ma kenitx dik korretta u wasslet għas-sitwazzjoni li tinsab fiha llum; (v) f'dan il-każ tapplika l-massima legali *imputet sibi* u b'hekk il-prinċipji ta' skużanti raġonevoli, ta' proporzjonalità, ta' *good faith* u ta' l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju għandhom jiġu ikkunsidrati fid-dawl tal-fatti esposti biex jista' jkun hemm ġudizzju ekwu u ġust għal dan il-każ; (vi) fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Kummissarju ma kienx konvint li l-iżball fil-mili tad-denunzji in kwistjoni jagħti lok għall-applikazzjoni tad-dettami ta' l-Artikolu 42(1)(ċ) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kif pretiż mis-soċjetà Rikorrenti; (vii) in kwantu rigwarda l-kwistjoni ta' proporzjonalità, il-Kummissarju applika dan il-prinċipju korrettament u *fairly* in kwantu l-multi u l-imgħaxijiet jiskattaw *ope legis* u fi kwalunkwe każ il-Kummissarju ma għandux il-poter li jaħfer imgħaxijiet; (viii) għalkemm f'okkażżjonijiet preċedenti l-Kummissarju ħafer il-penali amministrattivi imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti minħabba żbalji fid-denunzji tat-taxxa sottomessi minnha, fil-każ in eżami għazel li ma jaħfirx il-penali amminsitrattiva impost fuqha u f'tali deċiżjoni applika d-diskrezzjoni tiegħu u l-prinċipju ta' proporzjonalità b'mod ekwu u ġust fil-parametri li tagħtih il-Liġi.

Mill-atti proċesswali u mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri d-denunzji tat-taxxa tas-soċjetà Rikorrenti kienu jimtlew mill-Finance Manager tagħha, Stefan Cachia.
- Is-sistema adoperata mis-soċjetà Rikorrenti għall-fini ta' *accounts* tikkonsisti f'*accounts package* li fih ħafna kategoriji li fihom għandhom jinqasmu d-diversi entrati tan-negozju bħalma huma ad eżempju *purchases, expenses, foreign purchases, foreign expenses* eċċ;
- Meta jiġi biex jipprepara u jimla d-denunzji tat-taxxa, Stefan Cachia joħroġ l-entrati kollha relattivi għall-perijodu ta' taxxa relattiv fuq *excel sheet* u minn hemm jaħdem l-ammonti u t-totali dovuti;

- Meta ġie biex jimla d-denunżja tat-taxxa għall-perijodu 01.03.13-31.05.13, Stefan Cachia ħadem b'din is-sistema iżda huwa u jagħmel il-kalkoli u konteġġi, senjatament x'ħin ġie biex joħroġ it-totali, ħa total b'ieħor bil-konsegwenxa li iddikjara *input tax* f'ammont ikbar milli kellu jiġi dikjarat;
- Id-denunzja tat-taxxa ġiet sottomessa u Stefan Cachia siefer minn Malta fuq xogħol ieħor u meta ġie lura għamel *reconciliation* fl-*accounting package* ta' dak dikjarat fid-denunzja tat-taxxa in kwistjoni. Minn din ir-*reconciliation* ħareġ li hu u jimla d-denunzja tat-taxxa imsemmija Stefan Cachia għamel dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* fl-ammont ta' €27,885.13. Hekk kif irriżulta dan Stefan Cachia għan-nom tas-soċjetà Rikorrenti talab korrezzjoni ta' din id-denunzja tat-taxxa;
- Il-korrezzjoni ntalbet permezz ta' ittra datata 9 ta' Ottubru 2013[8] u dak li ntalab huwa s-segwenti: (i) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 27: was Eur 77,208.45 to read: Eur 77,082.26*; (ii) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 34: was Eur 13,897.49 to read: Eur 13,874.78*; (iii) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 31: was Eur 201,219.96 to read: Eur 46,302.25*; (iv) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 37: was Eur 36,219.60 to read: Eur 8,334.47*; (v) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 39: was Eur 50,228.73 to read: Eur 22,320.89*; (vi) *Period: 01/03/13 to 31/05/13 Box 42: was Eur 37,985.13 to read: Eur 10,077.29*;
- In segwitu għall-korrezzjoni ta' din id-denunzja tat-taxxa w a tenur ta' l-Artikolu 37(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi impona fuq is-soċjetà Rikorrenti penali ta' 10% ta' l-eċċess tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis, ossia impona penali fl-ammont ta' €2,788.51;
- B'ittra datata 15 ta' April 2014[9] Stefan Cachia ta spjega ta' dak li ġara u kif irriżultat id-dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* fid-denunzja tat-taxxa għall-perijodu 01.03.13-31.05.13. Huwa stqarr li *the error was derived as I genuinely extended an excel formula beyond the parameter. This effect, despite being a mere excel correction caused the following to happen. The original claim in the period read Eur 37,985.13 instead of Eur 10,077.29. Until I corrected the return the Eur 37,985.13 was absorbed in a following tax period. When the correction was lodged a Debit was created in the tax period the correction related to. This also incurred penalties and interest despite being a credit return. In the light of the above it transpired that the company was in a credit position yet still incurred these fines and interest which I plead of you to waive off in our favour as there was really no under paid tax at all, in error, I over claimed and then advised the department, and not paid less, and then paid up the difference, if you get what I mean. For the sake of clarity please note that we never received a cheque refund either*, u talab *I really do trust in your understanding on the matter and ask for a complete reversal of interest and penalties at your earliest also for the following reason. Sunseeker remains committed to pay all the VAT dues and in fact has settled another Eur 15,000 payment plus filed the VAT return which had a credit of Eur 29,825.19. This outstanding balance is inhibiting us from registering for a vat number on another company we have in partnership which is hence putting us in an uncomfortable position*;
- It-talba ta' Stefan Cachia għan-nom tas-soċjetà Rikorrenti ġiet miċħuda mill-Kummissarju tat-Taxxi li b'ittra datata 6 ta' Mejju 2014[10] informa lill-imsemmija soċjetà li *reference is being made to your objection to administrative penalty and*

[8] Dok. "B" a fol. 8 tal-proċess.
[9] Dok. "C" a fol. 10 tal-proċess.
[10] Dok. "A" fol. 7 tal-proċess.

*interest. Please be informed that the Department normally examines an objection case when all VAT due has been settled, and for the case in question there is still €34566.77 unpaid VAT. Moreover, on examining the case, the Department does not consider valid the reason to waive the €2788.51 administrative penalty and interest for period 01.03.2013 to 31.05.2013 incurred as per Art. 37(2) for excess deductions declared in the VAT return.*

Il-konsiderazzjonijiet li għamel il-Kummissarju tat-Taxxi biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu li jiċħad it-talba avvanzata minn Stefan Cachia għan-nom tas-soċjetà Rikorrenti ġew spjegati minn Albert Galea[11], rappreżentant tal-Kummissarju, illi in risposta għall-mistoqsija *x'kien ir-raġunament tad-dipartiment jew għalfejn id-dipartiment iddeċieda illi f'dan il-każ the reasons were not valid?* wieġeb *naraw ħafna listi ta' l-accounts, naraw ukoll l-oġġezzjoni nnifisha u naraw kollox il-kawża u x'raġunijiet hemm. Meta qed naraw raġuni li dan qed jgħid li ħa żball fil-vat return ta' dak il-perijodu li semmejt, ma nistgħux naraw dak il-każ waħdu biss għax meta tara l-history tiegħu li qed jgħid li ħa żball fl-accounts u sussegwentement fil-vat return. Fi żmien ta' ħdax-il perijodu l-kumpannija jew it-taxpayer kellu erba' perijodi fejn saru corrections. Hemm erba' perijodi fejn ir-returns intbaghtu tard u hemm perijodu minnhom fejn hemm short payment penalty u dan kollu f'perijodu ta' hdax-il tax return.* Fir-rigward ta' dawn in-nuqqasijiet preċedenti Albert Galea xehed illi *l-ewwel perijodu li kien ta' sitt xhur, dak ma ħarġux penali fihom għax hemm skema li bħala first offence ma toħroġx penali però sussegwentement kien hemm penali. Jekk tara l-accounts bħalissa dan qed juri 11,400 li huma relatati għal multi w interessi li hemm fl-account jiġifieri jidher li t-taxxa tħallset kollha meta tara t-taxxa li kellu jgħaddi w il-pagament. ... L-ewwel żewġ corrections kienu relatati ma' l-ewwel żewġ perijodi fejn il-persuna daħlet figura ġo kaxxa tal-vat return li ma kienetx intenzjonata biex tintuża għalhekk. Il-kaxxa ġiet użata ħażin mit-tax payer u infatti hi kienet relatata ma xi set offs bejn kumpannija u oħra u dan mid-dehra kien hemm xi misunderstanding bejn id-dipartiment u t-tax payer u fil-fatt aħna meta rajna dan il-każ għax ukoll ħarġu multi fuqha u rajna li kien hemm każ ta' misunderstanding, neħħejna 4,500 u 14,755.* In risposta għall-mistoqsija *f'dak il-każ l-assessment tagħkom kien there was a genuine misunderstanding u għedtu ħa taħfru 4,500?* Albert Galea wieġeb *still wieħed ma jridx li jgħid li sar żball fuq it-tax return hekk, għax tax return hija dikjarazzjoni importanti.*

Għall-mistqosija ulterjuri *ara hux qed nifhem sew ... ir-raġuni li intom ma ħfirtux dan il-każ, il-multi u l-imgħaxijiet bħal ma għamiltu fil-każijiet ta' qabel kien li rajtu history għax kien hemm xi affarijiet pendenti qabel, dik ir-raġuni f'dan il-każ partikolari?* Albert Galea wieġeb *mhux pendenti, imma aktar għax huma każijiet ta' offiża, kif ngħidulha aħna. ... Offiżi kemm bħala corrections u kemm għax ma bagħatx il-vat return fiż-żmien dovut.* Għall-mistoqsija tat-Tribunal *però fejn ikkunsidrajtu wkoll il-korrezzjonijiet li ntalbu waħda minnhom għedtli li nħafret għax kien każ ġenwin ta' misunderstanding, il-korrezzjonijiet l-oħrajn li kien hemm bżonn x'kienu u x'kien l-outcome da parte tad-dipartiment*? Albert Galea wieġeb *wara dawn iż-żewġ corrections li aħna ħfirnilu, imbagħad kien hemm ittra oħra ta' korrezzjoni li kienet fid-9 ta' Novembru 2012 fejn il-kumpannija qaltilna biex*

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, fol. 52 sa' 63 tal-proċess.

*nikkoreġu kaxxa għax intalbet input vat anqas jiġifieri kien hemm xi invoice li ma daħħalhiex fl-account li nesa jiddikjara l-input vat tagħha u aħna għamilna l-korrezzjoni tagħha.* Għall-mistoqsija ulterjuri *jiġifieri hemhekk naqas li jiddikjara ammont u talabkom biex iżżiduh biex hu jkun in line?* Albert Galea wieġeb *eżatt korrezzjoni oħra għall-vat return peress illi l-outcome tagħha huwa ta' kreditu u mhux iddikjara żejjed, m'hemmx penali fuqha dik però still kien hemm korrezzjoni oħra għall-vat return. Imbagħad wara din kien hemm korrezzjoni oħra għax ġie iddikjarat 27,885 vat aktar milli suppost li mhuwiex ammont żgħir u fil-fatt dak il-perijodu huwa about 75% ta' dik il-figura li kellu jdaħħal li meta tara hekk hija persentaġġ kbir u l-mod ta' kif qed jaħdem l-accounts tiegħu qisu ma jagħtikx sigurtà għax tgħid dan ħa żball għax dan il-ħin kollu jieħu l-iżbalji repetuti u kemm fil-vat return u kemm fl-accounts.*

Mistoqsi dwar x'raġunijiet oħra kien hemm biex il-Kummissarju wasal għad-Deċiżjoni, Albert Galea iddikjara li ttieħed in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li *l-figura hija qawwija ta' corrections li tippretendi li wieħed jinduna li kien hemm żball għax din mhux 1% tal-figura. ... mela dan l-accounts mhux qegħdin in order. ... meta tara l-vat return u tara d-diskrepanza li hemm, minn hemm tara, mit-totali biss qed nitkellem jien.* Mistoqsi mit-Tribunal *din il-perċezzjoni li ħadtu intom illi f'dan il-każ partikolari kienet indikazzjoni li kien hemm it-taħwid fl-accounts, ma ippruvajtux taraw?* Albert Galea wieġeb *proprjament mhux taħwid imma at the end ir-riżultat mhux qed ikun tajjeb, dan mhux taħwid li ma hemmx accounts però the final result kull darba qed ikun hemm correction fihom plus ħafna late returns jiġifieri hemm ċertu compliance li mhux qed tkun tajba kif għandha tkun.* Mistoqsi *mela bagħat* (ossia Stefan Cachia) *ittra u qalilkom jiena għamilt dawn l-iżbalji, intom iċċarġjajtuni multi li jirriżultaw mod awtomatiku mis-sistema tagħkom għax lanqas biss kien jaf bihom jiġifieri ċċekkja l-balance u nduna li kien hemm multi u qalilkom hekk: 'jien kont ġenwin magħkom u malli ndunajt li hemm żball ġejt nirranġah' take it into consideration jekk taraw il-multa tistax tinħafer jew le, issa d-domanda hija fid-disksussjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni w ultimately għall-ittra tagħkom ta' rifjut, il-posizzjoni tat-taxpayer u l-bona fede tat-taxpayer ikkunsidrajtuha? Iddiskutejtuha l-ewwel nett?* Albert Galea wieġeb *iva allright, tista' tikkunsidra żball imma imbagħad hemm elementi oħra illi fl-aħħar irriżulta li bir-raġunijiet li ġab ma nistgħux naċċettaw li naqtgħu l-penali.* Għall-mistoqsija *minħabba li kellu din il-history magħkom, dik ir-raġuni?* Galea wieġeb *iva w ukoll il-valur, kollox.*

L-Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi dwar kif u meta penali amministrattiva imposta fuq *taxpayer* a bażi ta' l-Artikoli 37 sa' 41 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imsemmi artikoli tal-Liġi inklużi, tista' tinħafer *in toto* jew ta' l-inqas *in parte*. Is-subparagrafu (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta minn persuna għal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skużanti raġonevoli għal dak in-nuqqas.* Is-subparagrafu (b) jipprovdi li *jekk persuna ma turix li hemm skużanti raġonevoli għal xi nuqqas, iżda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn ċirkostanzi partikolari li jkun jisthoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas.* Is-subparagrafi (ċ) u (d) jipprovdu rispettivament illi: *jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irriżulta minn żball ġenwin huwa*

*jista' jaħfer għal kollox jew parti mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas* u *l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta skond l-Artikolu 38 meta denunzja meħtieġa li ssir skond l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni meħtieġa li issir skond l-artikolu 30(1) tkun mibgħuta b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju, flimkien mal-ħlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebgħat ijiem mid-data li tali denunzja jew dikjarazzjoni kellha tkun mibgħuta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

Is-soċjetà Rikorrenti timposta l-kwadru tal-fatti li jirriżulta miċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kemm taħt l-Artikolu 42(a) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt is-subparagrafu (ċ) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi u dana billi tikkontendi li f'dan il-każ tirriżulta **skużanti raġonevoli** in ġustifikazzjoni tal-fatt li saret dikjarazzjoni biż-żejjed ta' l-*input tax* fid-denunzja tat-taxxa għall-perijodu 01.03.13-31.05.13 għar-raġuni li Stefan Cachia għamel **żball ġenwin** meta kien qed jiġbed it-totali ta' dak li kellu jiġi dikjarat fl-imsemmija denunzja tat-taxxa. A bażi ta' hekk tisħaqq li ma kien hemm l-ebda *mala fede* da parte tagħha u/jew da parte ta' Stefan Cachia u peress illi d-dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* ġiet ravviżata ftit taż-żmien wara li ġiet sottomessa d-denunzja tat-taxxa u intalbet korrezzjoni qabel ma nħareġ *refund*, il-Kummissarju ġie li ma sofra l-ebda preġudizzju u għalhekk l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva f'dan il-każ ma hijiex proporzjonali.

Għalkemm fl-Artikolu 42(1)(a) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jintuża l-kunċett ta' skużanti raġonevoli, fl-istess Liġi ma hemm l-ebda definizzjoni ta' tali kunċett iżda, kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, **Appell Nru. 2/09** deċiża fid-29 ta' Mejju 2009[12], *b'dan ma hemm xejn illoġiku in kwantu l-aċċertament tar-raġonevolezza ta' l-iskuża hu dipendneti miċ-ċirkostanzi partikolari tal-fatt eżaminat, sija jekk in primis mill-Kummissarju u sija jekk mill-Bord* [illum dan it-Tribunal] *warajh, u mhux minn xi prekonċett iffissat.*

Fil-fehma tat-Tribunal sabiex jiġi determinat jekk ir-raġuni mogħtija minn Stefan Cachia, ossia li ħa żball ġenwin hu u jiġbed it-total tal-kalkoli tiegħu, tikkostitwixxi skużanti raġonevoli li se tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà Rikorrenti, jeħtieġ l-ewwel jiġi determinat x'inhu l-obbligu fundamentali ta' kull *taxpayer* fir-rigward tad-denunzji tat-taxxa sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

A tenur ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta *kull persuna reġistrata taħt l-Artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa' mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv.* Is-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdu rispettivament illi: *denunzja ta' taxxa mibgħuta minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandu jkun fiha dikjarazzjoni ta' l-output tax, l-input tax u dawk id-dikjarazzjonijiet u partikolaritajiet oħra għal dak iż-żmien ta' taxxa li huma meħtieġa skond dan l-Att u għandha ssir jew fuq dik il-formula hekk kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi jew b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju…* u *ma titqiesx*

[12] Ċitata kemm mis-soċjetà Rikorrenti kif ukoll mill-Kummissarju tat-Taxxi fin-Noti rispettivi tagħhom.

*li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta għalhekk li kull *taxpayer* għandu l-obbligu li jimla d-denunzja tat-taxxa tiegħu b'mod sħiħ - u t-Tribunal iżid jgħid ukoll b'mod korrett - u dettaljat f'kull aspett materjali tagħha u li jissottometti l-istess entro t-terminu prefiss fil-Liġi. Fir-rigward ta' l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-imsemmija sentenza **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** osservat illi: *l-Artikolu 27(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jikkontjeni b'mod mill-aktar palesi dik l-espressjoni interpretativa ta' dik is-sintesi dettata in parte mill-istess diposizzjoni tal-Liġi, u in parte, skond il-konċezzjoni ermenewtika elementari, illi l-obbligu li jagħmel u jibgħat dik id-denunzja hu mill-bidu sa' l-aħħar impost fuq il-persuna reġistrata. Tradott dan li ngħad għall-fattispeci għandu jfisser illi kien jaggrava b'obbligu fuq l-appellanti illi huma jadempixxu ruħhom mad-dettami tal-Liġi u li jassikuraw li d-denunzji jintbagħtu. ... għalkemm il-fissazzjoni ta' terminu għall-preżentata tad-denunzji ma jidhirx li jeskludi li tista' tkun rikonoxxuta qagħda ta' skuża raġonevoli, ċerta w obbjettiva, li timpedixxi lill-persuna reġistrata mill-osservanza ta' dak it-terminu, dik l-istess skuża raġonevoli jrid ikollha mill-karatteristika ta' impediment leġittimu jew ta' kawża ġusta indipendenti mill-volontà tas-soġġett. Jekk din il-karatteristika ma tirriżultax, il-qagħda ma tistax ħlief tippreżenta ruħha bħala waħda ta' kondotta volontarja u kolpevoli dovuta għall-inkurja u għan-negliġenza imputabbli lis-soġġett obbligat li jirrispetta t-termini legali dettati fil-liġi. F'każ bħal dan is-soġġett ma jkunx jista' jilment minn xejn għax "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnun sentire".*

Fil-fehma tat-Tribunal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-Artikolu 27(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jista' u għandu jiġi estiż anke għall-subartikoli (3) u (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi u cioè li **l-obbligu li jimla d-denunzja tat-taxxa b'mod sħiħ u korrett hu mill-bidu sa' l-aħħar impost fuq it-*taxpayer*** - u naturalment anke fuq, bħal fil-każ in eżami, il-persuna responsabbli bil-mili tad-denunzja tat-taxxa tat-*taxpayer* - u għalkemm jista' jkun hemm skuża raġonevoli għalfejn dan ma jsirx, u cioè id-denunzja ma tkunx korretta u sħiħ f'kull aspett materjali tagħha, dik l-iskuża raġonevoli trid tkun marbuta ma' u nascenti minn impediment leġittimu jew kawża ġusta indipendenti mill-volontà tat-*taxpayer* u/jew tal-persuna inkarigata mill-mili tad-denunzja għan-nom tat-*taxpayer*. Jekk imqar wieħed minn dawn l-elementi ma jissussistix allura ma jistax jitqies li hemm skuża raġonevoli li tiġġustifika l-maħfra tal-penali amministrattiva imposta.

Minn eżami tal-provi prodotti u b'mod partikolari tax-xhieda ta' Stefan Cachia jirriżulta b'mod car li d-dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* fid-denunzja tat-taxxa tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu ta' taxxa 01.03.13-31.05.13 ma kenitx riżultat ta' xi impediment leġittimu ta' l-istess Stefan Cachia. Lanqas ma huwa konvint it-Tribunal li tali dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* kienet riżultat ta' kawża ġusta indipendenti mill-volontà ta' dan Stefan Cachia, u wisq inqas ta' żball ġenwin da parte tiegħu. Anzi t-Tribunal huwa tal-fehma li dan kollu ġara minħabba nuqqas ta' diliġenza w inkurja da parte ta' l-istess imsemmi Stefan Cachia fil-qadi ta' dmirijietu li ma vverifikax l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula fid-denunzja tat-taxxa

in kwistjoni u ma għamilx *reconciliation* ma' l-*accounts* **qabel** ma din id-denunzja tat-taxxa ġiet sottomessa iżda biss **diversi ġimgħat wara** li l-istess imsemmija denunzja ġiet sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Għalkemm Stefan Cachia jipprova jiġġustifika dan in-nuqqas tiegħu billi jgħid illi huwa kellu jsiefer fuq xogħol ieħor li kien qed jagħmel dak iż-żmien u seta' jagħmel din il-verifika u *reconciliation* biss wara li rritorna lura Malta, it-Tribunal ma jqisx li din hija skuża raġonevoli għal tali nuqqas da parte tiegħu. Filwaqt li t-Tribunal japprezza li persuna jista' jkollha impenji professjonali u lavorattivi impenjattivi ħafna, dan ma jfissirx illi hija tista' jew għandha tinjora l-obbligi tagħha nascenti mill-Liġi, partikolarment meta wieħed jitkellem fuq sitwazzjoni fejn persuna hija inkarigata bil-mili tad-denunzji tat-taxxa għan-nom ta' terza persuna li hija t-*taxpayer*. Li dan in-nuqqas da parte ta' Stefan Cachia ma huwiex aċċettabbli u skużabbli jirriżulta wkoll mill-prinċipji ġenerali tal-Liġi Ċivili, applikabbli anke f'kuntest u ambitu fiskali[13], illi jipprovdu: *(1)* ***Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja***[14]*. (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-Liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar* - Artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u ***kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk***[15] - Artikolu 1033 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li huwa bbaża d-deċiżjoni tiegħu anke fuq il-*past performance* tas-soċjetà Rikorrenti fir-rigward ta' mili u sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa tagħha. Għalkemm irriżulta li kien hemm ċirkostanzi fejn il-Kummissarju deherlu li kellu jaħfer penali amministrattivi imposti fuq is-soċjetà minħabba dikjarazzjonijiet żblajati fid-denunzji tat-taxxa tagħha w addirittura jeżentaha mill-imposizzjoni ta' penali amministrattiva minħabba dewmien fis-sottomissjoni ta' l-ewwel denunzja tat-taxxa tagħha, irriżulta wkoll li dawn ma kienux ċirkostanzi iżolati w uniċi iżda kienu sitwazzjonijiet li rrepetew ruħhom diversi drabi, fatt dan li fil-fehma tat-Tribunal juri b'mod ċar li s-soċjetà Rikorrenti **u** l-persuna inkarigata mid-denunzji tat-taxxa tagħha ma jagħtux id-debita importanza lill-obbligi nascenti mill-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li d-denunzji tat-taxxa jkunu sħaħ u korretti f'kull dettali materjali u li jiġu sottomessi entro t-terminu preffi fil-Liġi. Huwa proprio l-fatt li ma ngħatatx id-debita importanza lill-obbligi nascenti mill-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta li wassal biex il-penali amministrattiva mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet imposta fuq is-soċjetà Rikorrenti u għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kummissarju tat-Taxxi ġustament, korrettament u raġonevolment għadda biex jiċħad it-talba tas-soċjetà Rikorrenti għall-maħfra tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' €2,788.51 imposta fuqha u ta' l-imgħax relattiv.

Għal kull buon fini t-Tribunal josserva li għalkemm dan kollu ġara u nqala' minħabba nuqqas ta' diliġenza w inkurja da parte ta' Stefan Cachia, Finance Manager tas-soċjetà

[13] A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi, Rik. Nru. 201/12, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Novembru 2014.
[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.

Rikorrenti u l-persuna inkarigata mill-mili tad-denunzji tat-taxxa tagħha, tali fatt ma jistax fih innifsu jitqies bħala skużanti raġonevoli biex il-penali amministrattiva w imgħax relattiv imposti fuq is-soċjetà jiġu maħfura u dana billi a tenur ta' l-Artikolu 42(2)(b) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: *għall-finijiet tas-subartikolu (1) (a) u (b) … meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja, ma jitqiesux li huma skużanti raġonevoli.*

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li *l-penali amministrattiva hija wkoll deterrent u għalhekk l-imposizzjoni ta' l-istess tassigura adempiment mal-Liġi. Il-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja esprimiet kemm il-darba li sabiex miżuri u penali amministrattivi imposti minn Stati Membri jkunu legali dawn għandhom jissodisfaw ċertu rekwiżiti, fosthom il-proporzjonalità. … f'dan il-każ l-impożizzjoni tal-penali amministrattiva mhux waħda proporzjonata fis-sens illi tmur oltre minn dak rikjest sabiex jintlaħaq l-għan wara l-impożizzjoni tal-penali u dan stante li hawn si tratta ta' żball ġenwin u hemm buona fede assoluta*[16].

It-Tribunal ma jaqbilx mas-soċjetà Rikorrenti li l-penali imposta fuqha mhux proporzjonali għaliex *hawn si tratta ta' żball ġenwin u hemm buona fede assoluta.* Fl-ewwel lok minn dak kollu iktar 'l fuq osservat jirriżulta li d-dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* fid-denunzja tat-taxxa tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodu 01.03.13-31.05.13 ma rriżultatx minħabba żball ġenwin imma minħabba nuqqas ta' diliġenza u inkurja ta' Stefan Cachia. Apparte minn hekk il-fatt li la s-soċjetà Rikorrenti u lanqas Stefan Cachia ma aġixxew *in mala fede*, fatt dan mhux kontestat, ma jfissirx li l-penali amministrattiva in kwistjoni ma hijiex proporzjonali għar-raġuni li hekk kif jirriżulta b'mod ċar mill-Artikolu 37(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-penali amministrattiva hemm kontemplata ma tistkattax biss jekk tirriżulta *mala fede* fid-dikjarazzjonijiet magħmula fid-denunzja tat-taxxa imma tiskatta **f'kull sitwazzjoni** fejn tirriżulta dikjarazzjoni bin-nieqes ta' *out put tax* u/jew dikjarazzjoni biż-żejjed ta' *input tax* fid-denunzja tat-taxxa, irrispettivament minn jekk tali dikjarazzjoni bin-nieqies u/jew biż-żejjed kenitx intenzjonali jew le.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li t-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti ma humiex ġustifikati u bħala tali ma jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal Jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxa.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[16] Para. 3.7 u 3.8 tar-Rikors promotur, fol. 3 u 4 tal-proċess.